

# Bella Toscana Liguria & Cinque Terre

17 – 24 t'April *Easter Holidays*

**8 t'ijiem**

**INŻURU:** MONTECATTINI, FIRENZE, VIAREGGIO, CARRARA, CINQUE TERRE, LUCCA, PISA, PORTOFINO, RAPALLO, SANTA MARGERITA, BOLSENA, SIENA U SAN GIMIGNANO.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, taxxi u HALF BOARD inklużi)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €865 | €815 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €865 | €815 |
| Kamra ta' persuna waħda | €965 | €915 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €705 | €655 |

**Prezz Jinkludi:**

- Titjira Malta – Ruma – Malta mal Air Malta
- Transfers kif indikat fil-programm
- 7 iljieli fil-Grand Hotel Nizza e Suisse, 4 star
- Breakfast Buffet kontinentali
- Ċena kuljum
- Kmamar kollha bil-faċilitajiet privati u arja kkundizzjonata
- L-eskursjonijiet kollha (esklużi l-entraturi, boats u cable car)
- Taxxi , Service Charge u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund

## L-ERBGĦA 17 T'APRIL

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05:35 għall-flight KM612 li ttir fis-07:35 u naslu Ruma fid- 9:00 Transfer bil-kowċ lejn **Montecatini Terme**. Mal-wasla tagħna fil-**Hotel Nizza et Suisse 4 star** issir is-sistemazzjoni tal-kmamar kollha bl-arja kondizzjonata. Filgħaxija ċena u ħarġa mal-leader.

## IL-ĦAMIS 18 T'APRIL

Buffet breakfast u eskursjoni nteressanti għal **Viareggio** u **Carrara** l ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa Viareggio l kapitali ta Versilia, u resort ta fama mondjali. X'hemm isbaħ min passiġġata matul il-promenade mill-isbaħ fejn issibu għadd ta'ħwienet, bars u cafe's. Ikollkom l'opportunita li żżuru suq enormi fejn issibu minn kollox. Wara nkomplu l-excursion tagħna lejn **Carrar**a fejn se nżuru l'famużi barrieri tal-irħam li huma ta'fama mondjali. Hawn inkunu nistgħu nixtru souvenirs magħmulin mill-irħam. Wara ċ-ċena, flimkien mat-tour leader imorru **Montecattini Alto** (cable car extra)

## IL-ĠIMGĦA 19 T'APRIL

Skopri magħna l-ġmiel ta' **Cinque Terre** fejn baħar, għoljiet, dwieli, villaġġi ta' sajjieda u knejjes stil 'Genovese' jagħmlu din l-excursion indimentikabli. Mal wasla tagħna ġewwa **Porto Venere**, li hi l-belt protetta mill-unesco flimkien ma- tour leader nagħmlu dawra saċ-ċentru tal-belt. Issa wasal l'ħin li naqbdu l' boat (extra) li ser teħodna **Cinque Terre**; **Riomaggiore, Manarola, Cornilia, Vernazza u Monterosso**. Aħna se nżuru tnejn minnhom, l-ewwel waqfa tagħna tkun ġo **Vernazza**, post li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nieqfu għal sightseeing. Wara nżuru **Monterosso** li hu l-isbaħ wieħed fost il-ħamsa. Nagħmlu dawra ma' leader u jkollna ħin biżżejjed għall-ikel u xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura Montecattini.

## IS-SIBT 20 T'APRIL

Eskursjoni mill-isbaħ għal-belt ta' **Firenze**, il-belt kapitali ta' reġjun ta' **Toscana** u tinsab madwar ix-xmara Arno. Firenze hi magħrufa bħala **'Jewel of the Renaissance'**, miljuni ta' turisti jżuru iċ-ċentru storiku ta' Firenze. Hawnhekk naraw il-famuż **Duomo** fejn min irid jista' jitla sa fuq il-koppla biex taraw veduta sabiħa ta' Firenze. Naraw il-**Battistero** u l-kampnar famuż disinjat minn Giotto, il-**Katidral, Ponte Vecchio** u **Piazza Signoria** li hi ddikjarata bħala World Heritage Site mill-Unesco. Illum se jkollna xorti li naraw pjażżez tant eleganti u Palazzi fuq stil rinaxxementali. Ma jonqosx li jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing. Nirritornaw lura l-hotel. Wara ċena ħarġa mal-leader.

## IL-ĦADD 21 T'APRIL

L-Għid it-tajjeb !!

Ħarġa ta' ġurnata fejn se nżuru postijiet mill isbaħ bħal **Santa Margerita Ligure, Portofino u Rapallo l**i jinsab mal kosta ta' Liguria. L-ewwel waqfa tagħna tkun Santa Maria Ligure fejn flimkien nagħmlu dawra maċ ċentru storiku tal belt. Naraw il **bażilika barokka tas seklu 17**, kif ukoll il kastell. Nagħmlu dawra madwar il promenade imżejna **Al Frescoes, bars u restaurants**. Ikollna ħin liberu għall-personal sightseeing. Naqbdu l-boat (extra) li twassalna **Portofino**, wieħed mill-ġojelli mall-kosta Taljana. Post mill-iżjed eleganti u romantiku li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nagħmlu mixja matul il port fejn naraw **yachts mill isbaħ, ħwienet żgħar u tant ħelwin**. Fuq l għolja naraw **Castello Braun u l knisja ddedikata lil San Martin.** Ikollna ħin liberu u min irrid jista jitla fuq l għolja. X'hemm isbaħ milli tieħu drink u tgawdi l'atmosfera pjaċevoli. Nerġgħu naqbdu l'boat fejn vjaġġ ta' 30 minuta jwassalna **Rapallo** bil-promenade sabiħa tiegħu mimlija siġar tal palm, mnejn naraw veduti sabiħa tal bajja madwar bini kulurit, il-**kastell ta' Rapallo**, ikollna ħin liberu. Wara ċena mmorru għal drink.

## IT-TNEJN 22 T'APRIL

Nistiednukhom tgawdu magħna l-bliet magħrufa ta' Siena u ta' San Gimignano. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **Siena** magħrufa għal Palio li jsir darbtejn fis-sena. Naraw il-famuż **Katidral**, il-**pjazza Del Campo** u **Palazzo Comunale**. Nkomplu lejn **San Gimignano** post li jsaħħrek bil-kultura u n-natura li joffri. Hawn naraw id-**Duomo**, **Palazzo del Popolo**,u t-**Town Hall.** Ikollna ħin liberu biex inkunu nistgħu nixtru affarijiet tipiċi bħal l-inbid Vernaccia. Nirritornaw Montecatini.

## IT-TLIETA 23 T'APRIL

Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn inżuru **Lucca** u **Pisa**. L-ewwel waqfa tagħna tkun **Lucca** belt eleganti u raffinata mmens. Hawn naraw postijiet ta' nteress bħal Katidral ta' San Martin u l-piazza anfiteatro. Wara nkomplu lejn **Montecarlo** magħruf għall-inbid tajjeb u żejt ta' żebbuġa. Hawn ikollna wine testing mill-aqwa (mhux inkluż). L-eskursjoni tagħna tkompli lejn il-belt ta' **Pisa**. Nagħmlu dawra ma' leader fejn naraw il-famuż **Torri**, **Piazza dei Miracoli**. Il-**Katidral** u l-**Battistero** fil-**Campo Santo**. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' suvenirs. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija mmorru għal bibita.

## L-ERBGĦA 24 T'APRIL

Wara l-breakfast inħallu Montecattini biex nibdew il-vjaġġ lejn il-belt ta' **Bolsena.** Flimkien mat-tour leader ngħamlu dawra maċ-ċentru tal-belt biex naraw postijiet ta' nteress. Ħin liberu biex ingawdu dan il-post. Wara nkomplu lejn il-**lag ta' Bolsena** għal waqfa qasira. Nkomplu bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Fiumicino għat-titjira KM615 li ttir fid-21:10 u naslu lura Malta fl-22:35.


Triq Sant Anna, Il-Furjana
Tel: 2125 0526, 2124 3562